KUNSILL LOKALI PAOLA
Casal Paola, Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knsija,
Paola PLA1075 - Malta
Tel: 21664066 Fax: 216635666

Ref: 5/64/194/11

**Minuti tal-Laqgha Nru. 64**

Il-Kunsill iltaqa' fl-ufficini amministrattivi, fi Gnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar it-Tlieta 13 ta' Settembru 2011. Il-laqgha bdiet fis-6.00pm. Ghal-laqgha kienu prezenti s-Sindku Dominic Grima, il-Vici-Sindku Alfred Borg, il-Kunsillier Seychell, il-Kunsillier Dalli, il-Kunsillier Lynch u l-Kunsillier Ferris.

Il-Kunsillier Borg Myatt dahal ghal-laqgha fis-6.20pm.

Kien hemm prezenti wkoll is-Segretarju Kevin Borg u l-iskrivana Alison Panzavecchia.

Is-Sindku Dominic Grima ppresjeda din il-laqgha.

1) **Minuti**

**Minuti tal-Laqgha Nru. 62 u 63**

1.1 – Dawn il-minuti gew approvati mill-membri tal-Kunsill nem.com.

2) **Korrispondenza**

2.1 – Il-Kunsillier Dalli gibed l-attenzjoni tal-Kunsill ghar-rapport li diga' ccirkola lil kulhadd rigward l-Universita tas-Sajf ta' Karskow, Poland li ghaliha attendew il-Kunsilliera Dalli u Lynch.

3) ***Bye-Law Control of Pigeons***

3.1 - Is-Segretarju gibed l-attenzjoni tal-Kunsill li skond il-process tal-*Byelaws* hekk kif stipulat f'Kapitlu 363, ma kien hemm l-ebda rimarki mill-pubbliku, u ghaldaqstant din ser tintbaghat lid-Direttur tal-Gvern Lokali.

4) ***Bye-Law Advertisements on Street Furniture***

4.1 - Is-Segretarju gibed l-attenzjoni tal-Kunsill li skond il-process tal-*Byelaws* hekk kif stipulat f Kapitlu 363, ma kien hemm l-ebda rimarki mill-pubbliku, u ghaldaqstant din ser tintbaghat lid-Direttur tal-Gvern Lokali.

5) ***Adjudication Tender No 03/11 – Cleaning and Patching of Triq il-Bacir with suitable material***

5.1 – Is-Segretarju qal li ghal dan it-tender intefghet offerta wahda dik tal-Milord, u tidher li hija wahda vantagguza.

5.2 – Il-Kunsillier Dalli qal li x-xoghol ghandu jigi ccertifikat mill-Perit tal-Kunsill qabel il-hlas ghax-xoghol f'din it-triq.

5.3 – Il-Kunsill unanimament iddecieda li tintghazel din l-offerta.

6) ***Adjudication Tender No 04/11 – Supply of Solar Powered Closed Circuit Cameras for contravention surveillance***

6.1 – Is-Segretarju qal li ghandna 2 offerti li huma Dedicated Micros u Alberta.

6.2 – Wara diskussjoni, il-Kunsill iddecieda li jaghmel bord dwar it-tenders.

6.3 - Il-membri tal-Bord ser ikunu s-Sindku, il-Kunsillier Ferris, il-perit tal-Kunsill Christopher Mintoff u s-Segretarju Kevin Borg.

6.4 – Il-Kunsillier Borg Myatt dahal ghal-laqgha fis-6.20pm.

7) ***Adjudication Tender No 05/11 – Supply and delivery of Road Marking Paint***

7.1 – Il Kunsill iddecieda li dan it-tender jghaddi ghall-parir tal-Kumitat tat-tenders.

7.2 – Il-Kunsillier Dalli qal biex jingiebu s-*samples* taz-zebgha biex naraw id-differenza bil-kilos u bil-litri.

8) ***Adjudication Tender No 06/11 – Supply and Installation for Photovoltaic panels on the Local Council Administrative. Office roof top***

8.1 – Il-Kunsill iddecieda li dan it-tender jghaddi ghall-parir tal-Kumitat tat-tenders.

9) ***Adjudication Tender No 07/11 – Printing of Booklet***

9.1 – Is-Segretarju qal li din il-quote giet ikkancellata ghax il-*printing of booklet* ser jaghmlu Dr Malcolm Borg.

10) ***Adjudication Quote No 04/11 – Provision, Supply and Fixing of Curtains in the Local Council Hall***

10.1 – Is-Segretarju qal li ghal dan it-tender intefghet offerta wahda dik tad-Decotex , u tidher li hija wahda vantagguza.

10.2 – Il-Kunsill unanimament iddecieda li tintghazel din l-offerta.

## 11) Attivita' *Malta Cage Birds Association*

11.1 – Is-Segretarju qal li l-Kunsill rcieva ittra biex flimkien mal-Kunsill tittella' wirja ta' ghasafar nhar is-Sibt 8 u nhar il-Hadd 9 ta' Ottubru 2011 fis-sala tal-kunsill organizzata mill-*Malta Cage Birds Association* u biex il-kunsill ikun ta' ghajnuna billi jisponsorja t-*tokens* tal-partecipanti ta' din l-attivita' .

11.2 – Il-Membri ta' din l-ghaqda spjegaw dwar din l-attivita' u li l-Gimgha 7 ta' Ottubru 2011 ser tintrama' s-sala.

11.3 – Il-Membri ta' din l-ghaqda qalu wkoll biex il-membri tal-Kunsill ikunu prezenti l-Hadd 9 ta' Ottubru 2011 biex iqassmu t-*tokens* lill-partecipanti.

11.4 - Il-Membri tal-Kunsill qabblu li l-kunsill jixtri t-*tokens* li ma jeccedux it-300 euro.

## 12) *Arcade Street Final Bill*

12.1 – Is-Segretarju qal li l-kont li rcieva l-kunsill dwar triq l-Arkata hu ta' €194.000. Hu kompla jghid li l-1 tender kien ghall-prezz ta' madwar €74,000 u t-tender for additional works kien ta' madwar €76,000.

12.2 – Il-Kunsillier Borg Myatt staqsa kif il-perit tal-kunsill qed jiccertifika dan l-ammont ta' €194,000. Hu qal ukoll li l-perit irid jispjega x'xoghol sar biex inqabez il-prezz tat-tender.

12.3 – Il-Kunsillier Dalli qal li hu ma kienx jaf b'dan ix-xoghol zejjed f'din it-triq.

12.4 – Il-Kunsillier Lynch staqsa ghal-lista tax-xoghlijiet li saru biex il-prezz tela' ghall-ammont ta' €194,000.

12.5 – Wara diskussjoni dwar dan, sar qbil biex il-Perit tal-Kunsill jaghmel rapport dwar dan ix-xoghol mhux previst.

12.6 – Il-Kunsill ddecieda li dan il-kont dwar ix-xoghol mhux previst fit-tender ma jigix accettat ghalissa u jithallas biss il-pagament tat-tender u jinzamm il-pagament li jzid aktar il-prezz tat-tender.

12.7 – Is-Sindku qal li ser ikellem lil perit dwar dan.

12.8 – Is-Sindku qal ukoll li l-kuntrattur irid jirranga xi affarijiet.

## 13) *New Tenders Pavements, Patching, Tarmac Bags*

13.1 - Is-Segretarju qal li rcevejna l-istima ta' Triq Inverness ghall-prezz ta' €20,000.

13.2 – Il-Kunsillier Dalli ssuggerixxa li l-kunsill johrog t-3 tenders u tohrog ukoll t-tender biex issir Triq Inverness u meta tigi solvuta l-kwistjoni fuq t-tender ta' Triq l-Arkata, imbaghad jiddeciedi l-kunsill x'isir wara.

**14) *New Quote Additional CCTV Paul Boffa Gardens***

14.1 – Gie deciz li tinhareg din il-*quotation* msemmija u li tinhareg ukoll *quotation of repair and maintenance of fountains.*

**15) Sistema Lmenti**

15.1 – Il-Kunsillier Dalli qal li ma ghandniex bizzejjed haddiema biex nlestu l-ilmenti malajr kemm jista' jkun.

15.2 – Wara diskussjoni, il-Kunsillier Ferris qal li ser jiehu hsieb dwar dan u jiccekkja mal-kumpanija IPSL jekk tistax tibghatilna aktar haddiema biex jahdmu mal-Kunsill.

**16) Pagamenti**

16.1 - Is-Segretarju ressaq il-lista tal-pagamenti ghall-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Membri tal-Kunsill approvaw.

Saret diskussjoni dwar il-hmieg, l-iskips u l-bank li qed ikun hemm hdejn il-gabbana fi Pjazza Antoine De Paule. Gie deciz li tintbaghat ittra dwar dan lil-MEPA u lid-Dipartiment tas-Sahha.

**17) Aggornament**

17.1 -_Il-Laqgha giet maghluqa fit-8.00pm u aggornata ghal nhar it-Tlieta 27 ta' Settembru 2011 fis-6.00pm.

Approvati llum 27/09/11

Kevin Borg
Segretarju

Dominic Grima
Sindku